**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DEĊIŻJONI NUMRU 2942 ( Spjegazzjoni tal-Kumpenss)**

**Illum 27 ta' Ġunju 2024**

**Chairman: Sur Joseph Delia**

**Każ Nru: 3852/JD**

**Fil-Kwistjoni tax-Xogħol**

**bejn**

**Timotheus Englebert Schnell**

**vs**

**Comlux Malta Limited**

*Dwar: allegazzjoni ta' tkeċċija nġusta mill-impjieg*

Fis-Seduta tagħha tal-14 ta' Ġunju 2024 l-Onorabbli Qorti ordnat lit-Tribunal sabiex jispjega l-motivazzjoni tiegħu dwar kif huwa llikwida l-kumpens ta' €74,400 pagabbli mis-soċjetà appellata lill-istess appellant.

It-Tribunal ħa konsiderazzjoni ta' dak kollu li qalet l-Onorabbli Qorti fis-Sentenza dwar l-Appell Inferjuri Nru 98/2023 u fil-fehma tiegħu osserva wkoll dak li jipprovdi l-Artiklu 81 (2) tal-Kap 452 u jissottometti kif ġej:

**SPJEGAZZJONI TAL-MOTIVAZZJONI TAT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI DWAR KIF ILLIKWIDA L-KUMPENS FIL-KAS NRU 3852/JD**

Is-salarju gross annwali, skond il-kuntratt tal-impjieg kien ta' USD 162,000.

Ir-rata tal-kambju meta t-Tribunal ħadem il-kumpens kien ta' USD 1 = € 0.91.

Jiġifieri f'termini ta' Ewro s-salarju gross annwali kien ta' € 147,420.

Għall-finijiet ta' kalkolu ta' kumpens, mill-gross għandhom jitnaqqsu t-taxxa u l-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali tar-Rikorrent.

Jekk tieħu s-sena 2020 bħala bażi t-taxxa annwali kienet tkun ta' 35% tas-salarju bi tnaqqis ta' € 9,905, jiġifieri (147420 x 0.35) - 9905, li jiġu € 41,692. Il-kontribuzzjonijiet annwali tas-Sigurta` Soċjali kienu (€ 48.05 fil-ġimgħa x 52) ta' € 2,499.

Mela biex tiġi għas-salarju annwali net, mill-€ 147,420 tneħħi l-€ 41,692, u l-€ 2,499 biex jifdal € 103,229, jew salarju net mensili ta' € 8,602.

Iż-żmien rilevanti huwa mid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg sa meta r-Rikorrent sab xogħol addattat u cioe` minn nofs Mejju 2020 sa Awwissu 2022.

Mela kieku r-Rikorrent baqa' mal-Comlux, f'dak il-perjodu, ta' 24.5 xhur, kien jaqla' € 210,749.

Matul dak l-istess perjodu kellu jġedded il-A320-Type Rating bi spiża ta' € 3,245.

B'kollox 'ħareġ' il-€ 210,749, u t-€ 3,245, li ġew € 213,994.

Minn Ottubru 2020 sa Settembru 2021 ir-Rikorrent ħadem bħala postman u qala € 31,056.

Minn Novembru 2021 sa Awwissu 2022 rċieva l-benefiċċju tal-qagħad li b'kollox kien € 13,116.

Il-qliegħ matul iż-żmien rilevanti kien ta' € 31,056, u € 13,116, jiġifieri ta' € 44,172.

Id-differenza bejn is-salarju net li kien jaqla' kieku baqa' ma' Comlux, meħud kont ukoll tal-ispiża li għamel biex iġedded ir-Rating, u d-dħul illi kellu mill-impieg alternattiv u mill-benefiċċji soċjali, kien ta' € 169,822.

**Rationale tal-ammont ta' kumpens ta' € 74,400 moghti mit-Tribunal.**

Biex wasal għall-ammont tal-kumpens it-Tribunal kellu f'moħħu dawn il-fatturi ewlenin: is-Sur Schnell ma kienx konvinċenti għal kollox, kif spjegat fil-Kunsiderazzjonijiet illi għamel it-Tribunal; ir-Rikorrent ma tax servizz twil biżżejjed lill-Comlux biex din tinżamm obbligata aktar milli żammha t-Tribunal; it-tul ta' żmien illi s-Sur Schnell ha biex isib xogħol illi hu kien jikkunsidra bħala addattat għalih kien jaħti wkoll mix-xokk kummerċjali li ħadet l-industrija tal-avjazzjoni minħabba l-pandemija tal-covid-19 u ta' dan ma kellhiex iġġorr kollox is-soċjetà appellata, li fuq kollox anki hi kienet topera fl-istess industrija li ntlaqtet mit-tali xokk; is-Sur Schnell kien għadu f'eta` friska biex isib xogħol alternattiv, anki fi professjoni differenti minn dik illi kien speċjalizzat fiha; għal dar-raġunijiet it-Tribunal qies illi kumpens ekwivalenti għal kważi disa' xhur salarju net kien ġust, ekwu, u raġonevoli.

**(iffirmat)**
**Joseph Delia**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Graziella Borg**

**Għas-segretarju**